MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tat-22 ta' April, 2008

Talba Numru. 601/2007

**Maltacom Plc u b'digriet moghti fil-11 ta' Frar, 2008 is-socjeta' bidlet isimha ghal Go Plc (C 22334)**

**vs**

**Paul Cini u Jeanette Cini**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' tlett mija sebgha u sebghin euro u wiehed u sittin centezmu (€377.61) ekwivalenti ghal Lm 161.11c rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib n-numru 21376645 ( AT 6369/75, AC 10124828) skond diversi kontijiet mibghuta lilu u skond id-dokumenti hawn annessi.

IZY1 - prospett ghas-servizz bl-akkont numru 10124828

IZY 2 - applikazzjoni u ftehim dwar is-servizz telefoniku
Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali , kontra l-konvenut li minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notfikati u l-anqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenuti naqsu li jidhru anki ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat kapitolu fis-seduta tas- 07 ta` April, 2008, mill-Avukat Dr Keith Grech.

It-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta attrici irnexxiela tjipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------